IX-XGHAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru24 (erbgħa u għoxrin) tad-disa' (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 25 ta' Mejju, 2026, fl-4.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsillier | Antonia Buttigieg<br>Raymond Duncan |
| **Assenti b'Apoloġija** | |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| Il- Kunsillier | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**24.1. Item Nru 24.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

24.1.1 Il-Laqgħa bdiet fl-4.30pm u l-Kunsill irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sur Michael Mifsud u is-Sinjura Mary Doris Borg . Kulħadd qabel li jkunu skużati

**24.2. Item Nru. 24.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

24.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 23 u 23B ittieħdu moqrija u ġew approvati unanimament.

**24.3 Item Nru. 24.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

24.3.1 Is-Sindku tkellem rigward il-palm u qal li applikajna għal skema mal-ERA biex isiru ġodda minħabba l-ħsarat li ġarbu fil-maltempata Harry. Hu kompla u qal li għandna l-kwotazzjonijiet għal palm kif ukoll għat tħaffir. Il-Kunsill qabel li naċċettaw l-irħas. Apparti hekk ser isir ukoll fencing madwar sabiex ma jkunx hemm ħmieġ tal-klieb.

24.3.2 Is-Sindku qal li l-bir ta' taħt il-Belveder lest sabiex ikun jista jintela. Għalhekk ser inqabbdu kuntrattur sabiex jimlieħ b'ilma tat-tisqija sabiex ma jinqasamx.

24.3.3 Is-Sindku tkellem dwar l-iskema ta' Attivitajiet tal-Milied u qal li tajjeb li għal din is-sena napplikaw ukoll. Is-Sindku ipprezenta draft tal-applikazzjoni u kulħadd qabel.

24.3.4 Is-Sindku tkellem dwar l-iskema **SPI/SCI/04/2026 -Finanzjament - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali** u qal li din ser napplikaw għal barriers bir-remote u solar u tisbieħ fi Triq il-Knisja u Triq Orlando Żabbar.

24.3.5 Is-Sindku qal li d-dawl tal-prominade solar lesta l-ewwel fażi u issa nistennew il-fażi li jmiss. Il-bricks fejn saret it-trinka lest nofsu u dak ser jithallas mil-Public works dirett lill-Kuntrattur.

24.3.6 Is-Sindku qal li fejn il-Milord max-xatt sar xogħol ta' railing ġdid u tneħħew il-kolonni għaliex kienu spiċċuti. Il-blokki tressqu fil-ġenb sabiex jagħlqu l-aċċess għal kmamar u ma jsirux abbużi aktar.

Issa imiss li l-banju jiġi irranġat ukoll billi jerga jinbena l-kanal u jitnaddaf mil-blat li daħal.

24.3.7 Is-Sur Attard tkellem fuq l-iskema tal-Cameras u qal li ġie ppublikat it-tender sabiex isiru max-Xgħajra kollha.

24.3.8 Is-Sindku qal li l-fondi tal-Van ġew approvati u ser jibda x-xogħol biex tiġi ppublikata t-tender.

Is-Sindku qal li ser ngħaddu għal item Rapporti sabiex nistiednu l-Accountant u jispjegalna r-rapport finanzjarju annwali awditjat.

**24.6 Item Nru. 24.6 fuq l-Aġenda – Rapport Finanzjarju Annwali - 2025**

24.6.1 Is-Sur Karl Cutajar qara r-rapport finazjarju annwali li kien awditjat ukoll mil-Awditur Grant Thornton. Dan ir-rapport ikkonferma l-posizzjoni posittiva li għandu l-Kunsill. Il-Kunsill għalaq b'FSI posittiv ta' 67% u dan seħħ b'żied fid-dħul u b'infieq aktar għaqli.

Dan ir-rapport ġie approvat mis-Sindku Neil Attard u ssekondat mis-Sur Raymond Duncan.

**24.7 Item Nru. 24.7 fuq l-Aġenda – Managemenet Letter**

24.7.1 Is-Sur Cutajar qara l-Management Letter u qal li din kienet l-aħjar Management letter li kellu l-Kunsill dan l-aħħar snin għaliex kellha biss 3 paġni u nofs. L-ewwel paġna tkun titratta l-management tas-sena l-oħra. Imbagħad hemm affarijiet ta Creditors u Debtors li jkunu sabu invoices neqsin u dawn ikunu ilhom ġejjin iktar minn 5 snin u għalhekk irridu bħala kunsill naqblu sabiex inneħħuhom mil-kotba ma jibqgħux jidru ta' kull sena.

Wara din l-ispjega il-Kunsill qabel li tiġi approvata u nibgħatu ir-risposta tagħna Proponiment minn Raymond Duncan u ssekondat mis-Sindku Neil Attard.

Il-Laqgħa kompliet għal item 24.4.

**24.4 Item Nru 24.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

24.4.1. Is-Sur Raymond Duncan staqsa jekk hux qed ikun hemm trakk tat-take away fejn il-gym. Is-Sindku qallu dak minħabba l-avveniment li kellhom.

**24.5 Item Nru. 24.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

24.5.1 Ma kienx hemm rapporti bil-mitkub.

**24.9 Item Nru. 24.9 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

24.9.1 Ix-xogħol ġie diskuss kollu aktar kmieni.

**24.10 Item Nru. 24.10 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

24.10.1 Pagamenti b'numru 23 ġew approvati unanimament.

**24.11 Item Nru. 24.11 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet;**

IX-XGHAJRA

24.11.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**24.12 Item Nru. 24.12 fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

24.12.1 Il-laqgħa intemmet fil-6.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 6 ta' Lulju fl-4.30pm.

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Neil Attard
Sindku